MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 870/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**
**V**

**ALI MOSTAFA KABES**
**MOHAMMED TENSI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALI MOSTAFA KABES** bin Mostafa u Habiba nee Yagubi, imwieled Tripli f'Marzu 1977 u minghajr indirizz fiss hawn Malta u detentur ta' passaport Libjan numru 695533 u **MOHAMMED TENSI** bin Mourad u Linda nee Aitahab, imwieled l-Algerija nhar s-sbatax ta' Marzu 1981 u minghajr indirizz fiss hawn Malta, gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli f'San Pawl il-Bahar nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus w oggetti mill-fond 'White

Apartments' Flat 1, sitwat fi Triq l-Arznell, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment ta' Nasser Farag ta' nazzjonalita Libjana.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Nasser Farag kontra l-volunta tieghu.

3. **LIL MOHAMMED TENSI WAHDU** talli flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, f'Paceville limiti ta' San Giljan, fil-lejl ta' bejn s-sittax w is-sbatax ta' Ottubru 2002, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, ikkommetta serq ta' flus w oggetti ohra minn appartament numru 130, Flat 1, sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-ef lira maltin u li sar ghad-detriment ta' Mostafa Ashik ta' nazzjonalita Tunezina.

4. **LIL MOHAMMED TENSI WAHDU** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Mostafa Ashik kontra l-volunta tieghu.

5. **LIL MOHAMMED TENSI u lil ALI MOSTAFA KABES FLIMKIEN** talli fid-dati, postijiet u hinijiet fuq rispettivament imsemmija, kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nasser Farag u Mostafa Ashik rispettivament kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar San Luqa.

6. Talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi fuq imsemmija fil-hin li huma kienu qed jaghmlu delitt kontra persuna, kellhom fil-pussess taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u cioe strument li jaqta u bil-ponta.

7. Talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer zammew u garrew strumenti li jaqghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

8. Talli flimkien f'dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghataw permess ta' residenza, nizlu l-art jew kienu Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sbatax ta' Jannar 2005 [fol 241] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005 [fol 243] li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 [fol 158] **l-ammissjoni tal-imputat Ali Mostafa Kabes ghal akkuzi kollha** kif addebitati fil-konfront tieghu u **l-ammissjoni tal-imputat Mohammed Tensi ghal akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghat-tielet w ir-raba akkuza** u cioe dik ta' serq ghad-detriment ta' Mostafa Ashik u sekwestru ta' persuna [fol 158].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi minnhom ammessi.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ghalhekk trid tezamina l-atti viz-a-viz dawk iz-zewg akkuzi li l-imputat Mohammed Tensi m'ammettiex u cioe s-serq ta' flus w oggetti minn appartament numru 130, Flat 1, Triq San Gorg, San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-persuna u bil-vjolenza ghad-detriment ta' Mostafa Ashik w is-sekwestru w l-arrest tieghu fl-istess lok u hin u data u cioe bejn il-lejl ta' bejn s-sittax w is-sbatax ta' Ottubru 2002 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu.

Illi **Mostafa Ashik xehed nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2002** [fol 13] fejn stqarr li bejn is-sittax w is-sbatax ta' Ottubru 2002, waqt li hu kien rieqed fi flat f'Paceville li kien kera flimkien ma Haled, sema lil xi hadd diehel fuqu u fid-daqqa w il-hin hass lil xi hadd jpoggi imhadda ma rasu fuq imnifsejh tant li ma setghax jiehu nifs. Mistoqsi minn kienu dawn in-nies, ix-xhud wiegeb li kienu tlieta, Haled il-ko-inkwilin, Sami li hu ta' nazzjonlita Libjana u l-imputat Mohammed Tensi li gharaf presenti fl-awla. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat Mohammed Tensi tah daqqa bis-sikkina f'ghonqu u staqsih fejn kienu l-flus. Huwa qal li l-imputat Mohammed Tensi u Haled tawh diversi daqqiet f'daru, f'ghajnejh ix-xellugija u f'wiccu. Huwa stqarr li mar l-isptar u hemmhekk gie nvistat mit-tobba. Mistoqsi x'hadulu ix-xhud Mostafa Ashik jispjiega li hadulu kollox, l-hwejjeg, tlett elef Euro, mitejn lira maltin, kif wkoll l-passaport tieghu li hu Marokkin, visa card, l-licenzja tas-sewqan tieghu, mobile phone u air ticket. Ix-xhud qal li qabel ma telqu, dawn kienu rabtuh t-tlieta flimkien u waqt li kien qed jghajjat bl-ugiegh, gew zewg Libjani li joqghodu fl-appartament ta' fuqu u hallewh mill-irbit li kellu f'idejh u saqajh u b'hekk kien liberu li jiccaqlaq.

**PS 113 Emanuel Aquilina xehed nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2002** [fol 32] li spjega kif nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija f'San Giljan, meta ghall-habta tal-erbgha w ghoxrin ta' filghodu meta mar jaghmel rapport l-Ghassa bniedem ta' nazzjonalita Marokkina, certu Mostafa Ashik,

li qallu li kien gie aggredit minn tlett minn nies li rabtuh u serquh w ikkagunawlu ferita ta' natura hafifa. Il-Pulizija marru fuq il-post u cioe fi Flat numru 1, bieb numru 130, Triq San Gorg, San Giljan, u mal-art sabu s-sim card tal-imputat, bicca mill-air ticket tal-ajru go basket tal-allegati aggressuri. Il-vittma qallulhom li dawn il-persuni kienu serqulu kollox, inkluz s-somma ta' tlett elef Euro.

Nhar **d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed l-Ispettur Chris Pulllicino** [fol 44] fejn qal li dakinhar tas-sbatax ta' Ottubru 2002 kienu saru zewg hold ups kwazi bl-istess karatteristici fl-ekwati tal-Qawra u Paceville. Huwa kellem lil vittmi tal-kaz u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni, l-vittma ta' Paceville u cioe Mostafa Ashik ikkonfermaw li wiehed mill-aggressuri tieghu kien l-imputat Mohammed Tensi. Huwa mar San Pawl il-Bahar jfittxu peress li minn informazzjoni li lahaq gabar, x'aktarx li l-imputat Mohammed Tensi kien jghix f'dawk l-ekwati u meta wasal vicin s-San Pawl Hotel, ra lil imputat Mohammed Tensi peress li kien jixbah l-identity kit kif moghti mill-vittma u dan Mohamed Tensi telaq jigri meta ra lil Pulizija u stahba wara karozza u minn hemmhekk inqabad w ittiehed d-Depot tal-Pulizija. Waqt li kien d-Depot, l-Ispettur organizza line up konsistenti f'disgha persuni ta' nazzjonalita Gharbija bil-ghan li l-vittma Mostafa Ashik jgharaf l-aggressur tieghu u fil-fatt l-vittma Mostafa Ashik minnufih gharaf lil imputat Mohammed Tensi. Dan Mohamed Tensi meta gie mitkellem mill-Ispettur, ammetta mieghu verbalment li kien involut fil-hold up ta' Paceville billi flimkien ma certu Sami u Haled dahlu fuq Mostafa Ashik, rabtuh u serquh.

Nhar **l-hdax ta' Frar 2003, xehed Doctor Adrian Vella** [fol 128] w ikkonferma c-certifikat mediku li hu kien irrilaxxja nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 f'isem il-vittma Mostafa Ashik. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li Mostafa Ashik kellu diversi daqqiet fuq wiccu, spalltu, idejh, *rope marks over both wrists* u *superficial lacero contused wounds* [knife wounds] u fil-fehma tieghu, huwa kklassifika dawn il-feriti bhala li kienu griehi gravi.

Illi mill-istqarrija li l-imputat **Mohammed Tensi rrilaxxja nhar d-dsatax ta' Ottubru 2002**, markata bhala dokument CP a fol 104 et seq tal-atti odjerni, jirrizulta li huwa ma ammettiex li rabat lil vittma Mostafa Ashik ghalkemm iddikjara li dakinhar li sar r-rapport huwa kien mar fid-dar tal-vittma flimkien ma terzi persuni, fosthom Sami u Kushli u meta l-vittma Mostafa Ashik raqad, dawn kienu ser jaggreduh u jisirquh mill-flus kollha li kellu. Qalilhom li problemi ma riedx u Haled qallu li setgha jitlaq ghalkemm kienu jaghtuh sehmu mill-flus biex joqghod kwiet. Huwa bezgha u qalulu biex jiltaqa maghhom il-Belt biex jaghtuh il-flus. Huwa telaq, qabad taxi u mar jistennihom l-Belt, izda huma ma marrux jiltaqghu mieghu.

**L-imputat Mohammed Tensi xehed viva voce l-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005** [fol 244] fejn ikkonferma din il-versjoni tal-fatti bi ftit divergenzi, per ezempju li mar jiltaqa maghhom l-ghada u mhux dakinhar stess. Meta gie mistoqsi ghaliex kien mar jiltaqa maghhom, meta jghid li bezgha minnhom fl-istqarrija huwa jghid li Kushli qallu li fin-nuqqas kien ser jodorbu bis-sikkina, filwaqt li viva voce l-Qorti ma jghid xejn minn dan, izda jghid li mar jiltaqa maghhom ghal kumpanija.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-vittma Mostafa Ashik hija aktar kredibbli u konsistenti hafna u l-fatt li huwa gie marbut w imsawwat jirrizulta mic-certifikat mediku. L-vittma gharaf wkoll lil imputat Mohammed Tensi bhala wiehed mill-aggressuri tieghu. Il-fatt li dahlu fuqu jirrizulta wkoll, sa certu punt mill-imputat stess li jghid li kien hemm, pero mhux li sawwtu hu.

Il-Qorti thoss li l-vittma Mostafa Ashik huwa xhud kredibbli ghall-ahhar.

In oltre, meta tqis dak li qal l-Ispettur Chris Pullicino, li ma giex kontradett mill-imputat Mohamed Tensi u cioe li dan tal-ahhar ammetta mieghu verbalment li kien aggredixxa lil Mostafa Ashik flimkien mal-evidenza l-ohra migjuba mill-Pulizija, dan johloq prova cirkostanzjali li tikkonvalida l-versjoni tal-fatti kif esposti mill-vittma Mostafa Ashik u

ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat Mohamed Tensi hati tat-tieni w t-tielet akkuza wkoll.

**Dwar il-piena**, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat Mohammed Tensi li hija wahda nadifa ghall-ahhar u bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, pero minn naha l-ohra rat li l-akkuzi odjerni huma serji hafna u jittrattaw fuq zewg hold ups li sehhew fl-istess lejl f'zewg lokalitajiet differenti fejn gew midruba zewg minn nies w in oltre gew misruqa minn allegati hbieb.

Illi ghalhekk dan l-agir fil-fehma tal-Qorti jimmerita piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(a)(c)(d), 262, 267, 268, 274, 277, 279, 280, 281, 86, 87, 214, 216, 217, 218 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 26 u 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib liz-zewg imputati ALI MOSTAFA KABES u MOHAMMED TENSI hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs kull wiehed.**

**Tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-dokument esibit konsistenti f'sikkina b'manku iswed esibita nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 markata bhala dokument KA 60/03.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna d-deportazzjoni tal-imputati, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba peress li llum il-gurnata din il-kwistjoni tigi deciza minn Bord kostitwit ghal dan il-ghan biex jittratta talbiet simili.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputati sabiex ihallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti, il-Qorti rat li f'din il-kumpilazzjoni ma gew nominati ebda esperti u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------